MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 116/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Paolo Vella**
**Carmel Agius**
**Pawlu Cutajar**
**Pawlu Casha**
**Joseph Debono**
**Mary Cassar**
**Joseph Vella**
**Carmelo Vella**
**Victor Borg**
**Joseph Cassar**
**Paolo Deguara**
**Guzeppi Mangion**
**Emanuele Mallia**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer, bejn is-sena 1996 u s-sena 2003 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghhom ta' membri fil-kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblika (KIP), approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuni ohra, l-ammont ta' flus li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1,000) ghad-dannu tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u tal-Gvern ta' Malta; liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tarradd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar, 2011 fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputati mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement illiberathom mil-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta' Marzu, 2012 fejn talab lil din il-Qorti:

(a) Thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u
(b) Minflok issib lill-appelati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u
(c) Tinfliggi l-piena kontra taghhom skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom inkwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kirminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat tal-provi li tresqu quddiemha u dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa (li tiddikjara lill-imputati mhux hatja) stante li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-appellati kienu wetqu r-reat imputat lilhom. U ghalhekk l-esponent qed jinterponi dan l-umli appell, inter alia ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-esponent jidhirlu li f’dan il-kaz, il-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-kaz taghha sal-grad methieg mill-ligi ghar-ragunijiet segwenti:-

E.1. l-artikoli tal-Ligi li jaghtu lok ghar-reat in diskussjoni huma s-segwenti:-

**293.** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih
jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata
jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd
tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena
ta’ priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
Iżda ebda proċediment kriminali ma jista’ jinbeda għal dan
id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
**294.** Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel
dan jigi maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati
Minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, amministrazzjoni
Kariga jew servizz teighu, jew minhabba depozitu necessarju, l-azzjoni
kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta’ priġunerija
minn seba’ xhur sa sentejn.

**310.** (1) Fil-każijiet imsemmijin f'dan is-sub-titolu -
(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena tkun ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin;

E.2. L-esponent jidhrilu li mill-provi prodotti ipprova l-elementi ta' dan ir-reat sal-grad rikjest mil-Ligi u dan peress li pprova wkoll is-segwenti:-

(a) Il-Koperattiva Indafa Pubblika kienet koperattiva imwaqfa skond il-Ligi (ara deposizzjoni ta' Emanuel Zahra a fol 304 et seq);

(b) Din il-Koperattiva kellha kumitat ta' tmexxija skond statut debitament registrat (ara fol 317);

(c) Skond dan l-istatut, il-Kumitat tat-tmexxija kien responsabbli mit-tmexxija u d-direzzjoni tal-affarjiet u tan-negozju tal-Koperattiva (klawzola 8.6 fol 323), jahtar impjegati li jidhrilu xierqa u jiffissa l-paga jew remunerazzjoni taghhom, jamministra l-kapital socjali u l-flus kollha tas-Socjeta, jaghmel il-hlasijiet kollha mehtiega u jirriskwoti l-krediti tas-Socjeta` (klawzola 8,7(b)(d) fol 323).

(d) Aktar importanti minn hekk, skond il-klawzola 8.9 tal-istatut (fol 324) "Fit-tmexxija ta' l-affarjiet tas-Socjeta', il-membir tal-Kumitat tat-Tmexxija ghandhom jezercitaw negozjanti, u jkunu ghaldaqstant responsabbli "in solidum" ghall-kull telf li s-Socjeta' tista` ssofri minhabba nuqqas min-naha ta' l-istess membri tal-Kumitat tat-Tmexxija fl-ezercizzju ta' dik il-prudenza jew diligenza jew minhabba xi ghemil li jmur kontra d-disposizzjoni tal-Ligi dwar il-Koperattiva jew xi Regolamenti tas-Socjeta` jew xi direttiva ta' xi laqgha Generali ta' l-Imsehhbin".

(e) Ghalkemm l-istess statut fi klawzola numru 8.10 u 8.11 ghandu s-setgha li jahtar Manager li jkunu delegati lilu poteri ta' tmexxija izda l-istess statut fi klawzola nurmu

8.12 (fol 325) jipprovdi li: :Minkejja li l-kumitat tat-tmexxija jkun impjega Manager sabiex jamministra u jmexxi l-affarjiet tas-Socjeta`, dik il-hatra ma tnehhix minn fuq il-Kumitat tat-tmexxija r-responsabbilita` li dan il-Kumitat ikollu ghat-tmexxija xierqa ta' affarjiet tas-Socjeta". Bir-rispett kollu fl-umli fehma tal-esponent dan l-istatut ixejjen l-argument tal-imputati li huma ma kienux responsabbli ghal-dak li huwa tmexxija tal-Koperattiva minhabba li kienu jhallu kollox f'idejn il-manager. Bid-dovut rigward huma kienu responsabbli il-hin kollu u baqghu responsabbli anke wara l-hatra tad-diversi managers li minn zmien ghal-zmien assistew lil Koperattiva fix-xoghol u fl-amministrazzjoni taghha. L-obbligi li jottemperaw ruhhom mal-Ligijiet f' dan il-pajjiz fl-operat ta' din il-koperattiva kien jinkombi principalment fuqhom – inkluz li jaraw li flejjes detratti mill-pagi tal-impjegati tal-Koperattiva jigu debitament mghoddija lid-Dipartimenti koncernati. L-hatra tal-manager ma kienetx tezonerahom minn din ir-responsabilita.

(f) Apparti minn hekk il-prosekuzjoni ppruvat ukoll li l-persun imharkin kienu jokkupaw karigi differenti, pro tempore, fil-kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblika. Inoltre, dawn il-membri tal-kumitat, pro tempore, kienu lkoll jafu bis-sitwazzjoni finanzjarja kif kienet u kienu jafu wkoll li l-flejjes detratti mill-pagi tal-impjegati ma kienux qed jigu mhallsin lid-dipartimenti rispettivi. Dan jidher kemm mid-deposizzjoni ta' Emanuel Zahra a fol 304 et seq, kif ukoll mid-depozizzjoni tal-managers fosthom John Micallef (a fol 360) u Norman Bezzina (fol 378), Apparti minn hekk anke l-awditur Nicholas Falzon jikkonferma dan a fol 397. Dawn juru bic-car mhux biss li l-membri tal-Kumitat pro tempore kinu jafu li l-PAYE u FSS kienu qed jigu detratti, izda wkoll li ma kienux qed jigu uzati ghall-iskop specifiku li ghalih kienu qed jigu detratti, b'detriment ghall-istess impjegati u l-Gvern ta' Malta.

(g) Anzi jidher mid-deposizzjoni ta' Noman Bezzijna li sahansitra jghid li: 'wahda mill-mansjonijiet tieghi kienet li niehu hsiebg illi tinqata` t-taxxa u l-ammonti dovuti bhala kontribuzzjonijiet socjali mill-pagi tal-impjegati tal-KIP u li dawn nghadduhom li dipartimenti tal-Gvern

koncernati. Jien ma kellix istruzzjonijiet li kien jaghtihomli l-kumitat tal-koperattiva u ma kellix istruzzjonijiet minghand il-kumitat tal-koperattiva biex nghaddi dawn il-flus lid-dipartimenti koncernati'. Dan izid jghid ukoll li dawn il-flejjes kienu jinqatghu awtomatikament mill-paga tal-impjegati.

(h) Jirrizulta mix-xhieda ta' Angelo Azzopardi a fol 101 u9 356 et. Li l-ammonti migbura mill-pagi tal-impjegati ma thallsux lid-dipartimenti rispettivi,

(i) Aktar gravi minn hekk, mix-xhieda ta' John Micallef a fol 362, jirrizulta mhux biss li l-ammonti migbura mill-pagi tal-impjegati ma thallsux lid-dipartimenti rispettivi, izda minkejja d-diversi laqghat li saru ma Ministri, Segretarji Parlamentari, Kapijiet ta' Dipartimenti u Personalitajiet distinti ohra ilkoll intizi sabiex tinstab soluzzjoni ghall-problema de quoo li maz-zmien kienet qed tikber, li "L-ammonti li kienu qed jitnaqsu mill-pagi tal-impjegati bhala kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali u taxxa dovuta kienu jithalsu lil membri tal-kumitat, Dan kien isir fuq struzzjonijiet tal-kumitat tal-koperattiva ta' l-indafa pubblika".

(j) Illi kif tenna l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Angelo Gafa fin-nota tal-osservazzjonijiet dettaljata u studjata tieghu prezenta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

"Illi ma hemmx dubju li l-imputati, li gie stabbilit bhala fatt li fiz-zmien ta' l-akkuza servaew f' kumitati tat-tmexxija tal-KIP, kienu konxji li minkejja li huma kien qed jaqtghu l-flus mill-pagi tal-haddiema sabiex dawn jghadduhom lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dawn zammewhom ghandhom sabiex fuq kollox ikollhom biex jithallsu l-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-KIP (ara x-xhieda ta' John Micallef a fol 362).

Illi in oltre, x-xjenza taghhom tirrizulta ghall-fatt li minkejja diversi twiddib li dawn kellhom minn nies professjonijisti, fosthom il-Manager John Micallef li kien gie assenjat

maghhom specifikament sabiex itejjeb l-amministrazzjoni ta’ l-istess Koperattiva (ara ix-xhieda ta’ John Micallef a fol 360 et seq. kif ukoll id-dokumenti JM1 u JM2), minflok ma dawn taw widen ghal dak li kien qed jinghad lilhom mill-istess micallef, dawn raw x’ ghamlu u qacctuh il-barra.

Illi l-istess pariri sabeix il-KIP teffetwa l-pagament lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienu gew moghtija lilhom mill-avukat taghhom li kien wissihom li setghu jittiehdu proceduri kriminali kontrihom fin-nuqqas li dawn jibqghu ma jaghmlux il-pagamenti dovuti (ara dok JM2 a fol 366).

Illi anke l-awdituri kienu qed jaghtu dawn il-pariri u meta dawn raw illi l-ispejjez tal-Koperattiva kienu aktar mid-dhul taghha u l-operat taghha ma kienx vijabbli , dawn kienu taw il-parir sabiex il-Koperattiva xxolji (ara x-xhieda ta’ Nicholas Falzon a fol 400). Dan il-parir kien inghatalhom bejn l-1999 u l-2001 izda l-kumitat tat-tmexxija baqa` stinat li jirrifjuta dawn il-pariri u jibqa ghaddej bl-azzjonijiet tieghu li eventwalment wassal sabiex din is-socjeta tibqa` topera bi flus haddiehor u cioe` flus moghtija lilha mill-impjegati taghha sabiex bihom jithallas il-Gvern.

Illi minkejja diversi notifikazzjonijiet mibghuta wkoll lill-KIP mill-Kumissarjut tat-Taxxi Interni, dawn ukoll baqghu jinjoraw il-fatt li l-flus maqtugha mill-pagi tal-impjegati taghhom kienu dovuti lill-Gvern.

Illi r-ratunament tal-imputati kien li ‘l-ewwel jithallsu l-membri u l-haddiema, imbghad il-Gvern’ (ara x-xheda ta’ John Micallef a fol 362).

Illi minjejja li nformalment id-difiza kemm il-darba nsistiet li dawn il-flus maqtugha mill-pagi tal-impjegati tal-KIP nzmmu mill-imputati bil-kunsens ta’ l-ghola awtoritajiet tal-pajjiz ma ttella` hadd biex jikkonferma dan.

Illi ghal-kuntrarju ta’ dak li qed issostni d-difiza, l-awditur Nicholas Falzon xehed li f’laqgha li l-KIPO kellha ma’ l-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi, dak iz-zmien Ministru ghall-Politika Socjali, u li ghaliha kien prezenti wkoll l-istess Falzon, ‘kien hemm understandin illi l-Koperattiva

kellha kemm jista' jkun thallas l-arretrati u tigi in line skond il-ligi' (fol. 400)

Illi din ix-xhieda ta' l-awditur tal-KIP kif ukoll id-dokumentazzjoni JM2 u JM1 datati Awissu 2002 u Frar 2003 rispettivament jikkontradixxu dak li ilha ssostni d-difiza u minn imkien ma jirrizulta li l-Gvern qatt xi darba approva li l-KIP izzomm ghaliha dak li kien dovut lill-Gvern u li kien gie mnaqqas mill-pagi tal-haddiema.

(k) Illi l-esponent jista jifhem id-diffikultajiet li l-membri tal-Kumitat tal-Koperattiva Indafa Pubblik iltaqghu maghhom fid-dawl ta' diversi sitwazzjonijiet difficli li sabu wicchom maghhom. Pero` ir-risposta ghal dawn is-sitwazzjojijiet ma kellhiex tkun it-trasgrezzjoni tal-Ligi, kif fil-fatt sar. Fil-fatt dan il-punt gie dibattut ukoll fis-sentenza 'Il-Pulizija (Spt. Bartolomew Mula) vs John O'Dea' deciza nhar il-11 ta' Jannar, 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn gie mtenni s-segwenti:

'la kien hemm flus biex jithallsu l-impjegati l-ohra, jew almenu uhud minnhom, il-procedura kellha tkun illi titwarrab il-parti dovuta lill-Kummissarju tat-TAxxi Interni materjalment, u din tithallas lill-Kummissarju. Jekk b' din is-sistema ma kieinx hemm bizzejjed biex jithallas kulhadd u biex tkompli ghaddejja s-socjeta', ghalkemm din il-Qorti tifhem il-problema u tissimpatizza ma' l-appellant, is-soluzzjoni ma kenitx li jaghmel dak li ghamel hu, imma li jiehu mizuri ohra. Is-soluzzjoni certament ma kinitx illi l-qtugh isir taparsi, u dak li suppost gie maqtugh jintuza biex tibqa` ghaddejja l-kumpanija u anke biex jithallsu impjegati ohrajn. Jekk ma kienx hemm biex jithallsu impjegati ohrajn, jew ma kienx hemm bizzejjed biex il-kumpanija tibqa` topera, kfi inghad kien hemm soluzjonijiet ohra... Il-konkluzjoni trid tkun li effettivament kien hemm il-qtugh u li dak li nqata mis-salarju ta' kull impjegat individwalment, flok intuza ghall-iskop li ghalih kien destinat, intuza ghal skop iehor. F' dawn ic-cirkostanzi jiffigura perfettamnet ir-reat ta' appropjazzjoni indebita u ghalhekk din il-Qorti mhix pronta li tvarja dak li ddeciedet l-ewwel Qorti.'

Li l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa dwar apprezzament ħażin tal-fatti mill-Qorti tal-Maġistrati. Kif inhu ben magħruf, din il-Qorti ma tiddisturbax deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk l-Ewwel Qorti setgħet reġonevolment u legalment tasal għal dik id-deċiżjoni.

Il-Qorti għamlet analiżi tax-xhieda u d-dokumenti li jinsabu fil-proċess.

L-Ispettur Gafa' spjega kif l-Economic Crimes Unit kienet irċeviet ittra minn għand l-Uffiċju tat-Taxxi Interni fejn kien spjegat li l-Koperattiva Indafa Pubblika kellha tagħti Lm37,123 f'FSS fit-taxxa u Lm149,871.13 f'kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni nazzjonali. Il-Pulizija ġabet listi ta' min kien inkarigat mill-Koperattiva bejn l-1996 u s-sena 2003. (Ara fol 72 għal-listi bejn l-1998 u s-sena 2003 kif ukoll fol 307 sa fol 315).

Ittieħdu diversi stqarrijiet li minnhom ħareġ dan li ġej:

(a) Paul Vella li qal li ma kienx jaf x'jgħid l-istatut. Fuq tnaqqis mill-pagi tal-bolla u tat-taxxa kien wieġeb li seta' jirrispondi ċerta Norman li kien il-Manager.
(b) Carmel Agius (li ma jidhirx fil-lista ta' paġina 72) ma kien jaf xejn dwar tnaqqis. Kien jaħdem bit-truck u jitħallas ta' dan.
(ċ)Paul Cutajar qal li skola ma jaf xejn u kien joħroġ għall-kumitat għax ma kienx hemm min irid joħroġ. Huwa ma kellux x'jaqsam ma' tnaqqis ta' bolli u taxxa. Huwa qal li l-manager kien imexxiehom hu. Dwar il-bolol kienu ltaqgħu mal-Ministru tax-Xogħol ta' dak iż-żmien iżda ma kienx intlaħaq ftehim għax kienet waslet l-elezzjoni. U għall-perjodu meta huwa kien fil-kumitat, kienu ltaqgħu mal-Ministru tal-Finanzi li qalilhom, skont Paul Cutajar, biex ma jaħgmlu xejn. Huwa kien irriżenja wara li marru għand il-Ministru Zammit u ra li ma setgħux jaqbdu tarf. Il-Minsitru Zammit Dimech kien tahom skrivan u manager.
(d) Paul Casha (li wkoll ma jidhirx fil-lista ta' paġina 72) kien qal li dwar it-tnaqqis, la-ħajar isaqsu lill-Manager għax hu kien jieħu ħsieb.

(e) Joseph Debono (fol 81) qal li xogħolu kien fuq barra. Kellu vann żgħir li kien juża fejn ma jidħolx l-iscammel. Ir-responsabbilita' dwar bolli u taxxa kienet tal-manager. Il-prezzijiet tat-tenders kienu baxxi u lanqs kien hemm biżżejjed biex jitħallsu l-ħaddiema.
(f) Maria Cassar qalet li hi ma kellhiex x'taqsam mat-tnaqqis. Hija qalet li lanqas flusha ma ħadet, aħseb u ara kemm ħadet flus tal-koperattiva.
(g) Joseph Vella (fol 85) serva għal darba biss u dan kien għal bejn 6 u 8 xhur. Kienu jgħidulu li l-koperativa kellha tieħu minn għand il-Gvern. (Skont ix-xhud John Micallef bejn is-sena 2000 u s-ena 2003 Joseph Vella kein spiċċa mill-koperattiva u għalhekk ma kienx fi ħadan il-kumitat). (Ara fol 363).
(h) Charles Vella serva għal darba biss u għal tliet xhur. Hu ma kienx jaf x'kienu jnaqqsu għax lanqas biss jaf jaqra.
(i) Victor Borg ( li serva ben l-1998 – 2002) qal li cash f'idejh ma kienx ikollu. Meta kien hemm hu l-VAT kienet titħalals. John Micallef kien responsabbli. Huwa tilef Lm22,000. Huwa qal li bil-problema kienu jaf kemm il-Prim Ministru kif ukoll Ministri oħra (fol 90). Kemm-il darba kienu marru għand il-Ministru Zammit Dimech beix jagħlqu l-koperattiva iżda ma kienx ħallihom. (fol 90).
(j) Joseph Cassar (li jidher li kien dejjem fil-kumitat) qal li kienu jħallu f'idejn il-manager u l-sikrivan. Huwa qal li għat-telf ma kinux responsabbli. Dwar il-VAT kien tkellem mill-Ministru tal-Finanzi li, skont Joseph Cassar, kien qalilhom li l-multi kienu inħafru. Il-Kunsilli kienu jdumu ma jħallsuhom u wara li spiċċat il-koperattiva kien hemm salt flus għand il-kunsilli li kollha marru għand il-Gvern. Huwa qatt ma ħa flus tal-koperattiva u filfatt għandu jieħu.
(k)Paul Deguara (fol 94) qal li hu kien jaħdem normali bit-ruck. Huwa qatt ma ffirma cheque u ma stqarr li ma jafx jaqra.
(l) Joseph Mangion spjega kif huma kienu jaħdmu mal-Gvern u imbagħad tefgħuhom mal-kunsilli lokali u ma kellhomx min imexxihom sew. Huwa qal li kienu rrapurtaw lill-Ministri kemm-il darba li l-koperattiv am kenitx sejra tajjeb iżda qatt ma qalulhom jieqfu. Huwa qal li flus għall-bolli u għat-taxxi ma einx għad fadal.

(m) Emanuel Mallia (fol 98) lanqas biss kien jaf kemm-il darba kien fil-kumitat. Huwa kien jieħu ħsieb l-iskips – jiġifieri tal-maintenance u ħasil tagħhom.

Xehed Angelo Azzopardi, rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi li kkonferma l-ammonti li keinu għadhom pendenti b'dokumentazzjoni li tibda a fol 105 u tispiċċa a fol 303.
Emanuel Zahra ppreżenta lista tal-membri li kienu jiffurmaw parti mill-Kumitat tal-Koperattiva. (fol 305 et bil-listi jidhru fol 307 et)

A fol 318 et seq jidher id-dokument 'Statut Koperattiva Indafa Pubblika Limitata' li fih l-artikolu 8.9 li jistabillixxi responsabbilita' in solidum għal kull telf li s-soċjeta' tista' ssofri minħabba nuqqas tal-istess mambri tal-Kumitat tat-Tmexxija fl-eżerċizzju ta' dik il-prudenza jew diliġenza jew minħabba xi għemil li jmur kontra d-dispożizzjoni tal-Liġi dwar il-Koperattiva (fol 324).

A fol 360 xehed John Micallef li qal li l-kumitat kien th struzzjonijiet biex ma jkomplix jaħgmel dwn il-pagamenti minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tal-Koperattiva. Li kieku tħallsu t-taxxa u l-bolla ma kienx ikun hemm flus biex jitħallsu l-membri li kienu jieħdu biss xi mitejn lira kull wieħed. Kien hemm 72 membru fil-koperattiva. Minkejja s-sitwazzjoni prekarja tal-koperattiva l-Gvern ried li l-koperattiva tkompli tiffunzjona.

Huwa xehed in kontro-eżami fl-24 ta' Frar 2010. (fol 508) Huwa kkonferma li l-Gvern kien bagħtu jgħin lill-Koperattiva. Kienet saret laqgħa mad-dipartiment tal-VAT u kien sar ftehim biex il-VAT tittieħed mill-Kunsilli Lokali. Il-Ministru tal-Finanzi qalilhom biex jibdew iħallsu l-kurrenti immedjatament . Għamlu wkoll ftehim mal-Wasteserve biex jitħallsu l-landfill fees. Għal xi tenders li ħadu minnn għand il-Gvern lanqas biss kienu jitħallsu iżda kienu jagħtu s-servizz. Imbagħad ġiet pressjoni mill-membri li lanqas biss kellhom biex iħallsu l-pagi. Huwa kkalkula li l-paga tal-membri kienet tonqos b'terz u dan minn Lm450. Kellhom bżonn jixtru l-iskips u dawn ittieħdu wkoll mill-bwiet tal-membri. Huwa kkonferma li ħadd mill-

membri tal-kumitat ma kien iżomm flus ħlief il-paga. Kienet ukoll ittieħdet deċiżjoni li jkompli jitnaqqas iċ-cheque għall-Lm400 biss. Min kien joħroġ mill-koperattiva kien jista' jitfa' tender orħos u jirbħu hu. Il-membri ienu qishom ħaddiema tal-koperattiva. Kienu ħadu tenders bit-telf biex iżommu n-nies jaħdmu inkella tkompli titlef aktar u anqas kien ikollox xi tħallas lill-gvern. Il-gvern ried li l-Koperattiva tkompli taħdem minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika. (fol 512). Il-memberi qatt ma qalu 'Ma rridux inħallsu' iżda kien wasal il-mument fejn il-ħaddiema ma kinux ser jitħallsu. Huwa kkonferma wkoll li l-imputati qatt ma qatgħu il-paga ta' xi ħadd.

A fol 531 ix-xhud qal li l-Ministru tal-Finanzi kien jaf bil-problema tat-taxxa u bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali. (fol 531). L-iskop tal-Gvern kien li jibqgħu għaddejjin peress li 'kienet xi ħaġa nazzjonali.' L-Accountant kien jagħmel ir-rapport kull sena u jgħadduh lill-Ministru konċernat. Il-Koperattiva dejjem kellha awditur. Il-Gvern kien anke ta xi ħaddiema tiegħu lill-Koperattiva. Meta huwa kien naqqas iċ-ċekk tal-mambri, ir-reazzjoni kienet waħda kerha ħafna. Id-diesel u l-manteniment kienu jħallsuh il-membri. Il-membri tal-kumitat ma kinux jitħallsu talli kienu membri fil-kumitat.

Joseph Borg Cardona, rappreżentant tal-BOV, xehed li ma sab ebda kont f'isem il-Koperattiva bejn l-1996 u s-sena 2003.

Emanuel Zahra ipproduċa l-file dwar il-Koperattiva tal-Indafa Pubblika. Huwa kkonferma li l-Board tal-Koperattivi kien kiteb lill-Ministru fejn il-Board infurmah bis-sitwazzjoni prekarja tal-kumpanija.

Fil-kontro-eżami (ara fol 504) huwa qal li ma kinux jafu li Joseph Vella kien irriżenja. Għalhekk għalkemm mir-records jidher li Joseph Vella jidher li għamel perjodu konsiderevoli bħala President, fil-fatt ma kienx hekk (fol 506) għax il-Koperattiva ma kinitx infurmathom. Kienu jafu wkoll li l-Koperattiva ma kenitx vijabbli. Kien ikun hemm xaqq ta' tama li l-affarijiet forsi jirranġaw (fol 507) u

saħansitra l-Professur Godfrey Baldacchino kien ikkomunika mal-Ministru dwar dan. Il-Koperttiva ma setgħetx ixxolji minħabba interess pubbliku (fol 507).

Tanya Mercieca (fol 376) għall-uffiċċju tal-Awditur xehdet li l-Uffiċċju ma kienx għamel xi auditing dwar l-income tax u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali dovuti mill-Koperattiva. L-analiżi li saret kienet rigward arretrati li kellu jieħu l-Ministeru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura rigward dumping u waste material.

Xehed ukoll Norman Bezzina li għamel żmien (madwar sena u nofs jew sentejn) manager tal-Koperattiva. Huwa kellu jaqta' t-taxxa u l-ammonti dovuti bħala kontribuzzjonijiet ts-sigurata' soċjali. L-ammonti kienu jinqatgħu iżda ma ftakarx jekk kinux jitħallsu lid-dipartimenti involuti. Il-Koperattiva kienet għaddejja minn żmien ta' ħafna telf u ma kinitx qed tleħħaq mal-ispejjeż. Huwa kien informa lill-Professur Edwin Grech dwar din il-problema. Biss kienu ngħataw struzzjonijiet mill-esekuttiv biex ikomplu jagħtu s-servizz.

Xehdet ukoll ir-rappreżentant tal-Bank tal-HSBC li qalet li l-koperattiva ma kellhiex kontijiet bankarji bejn is-sena 1996 u l-2003.

Xehed ukoll Nicholas Farrugia bħala rappreżentant ta' MGI Malta li dak iż-żmein kellha isem ieħor. Huma kienuj l-awdituri tal-Koperattiva. Wara li ppublikaw l-ewwel accounts fis-sena 1997 huma kienu diġa' rriżultalhom li l-operat tal-Koperattiva ma kienx vijabbli. Kienu wkoll intalbu mill-Kumitat biex jgħinuhom f'laqgħat ma' Minsitri sabeix jaraw jekk il-ħlas tal-Kunsilli lokali kienx biżżejjed. Kien hemm ukoll kwistjoni jekk il-ġbir tal-iskart kellux jitqies servizz essenzjali u allur jkun eżenti mill-VAT. Il-Kunsilli kienu qed idumu biex iħallsu lill-Koperattiva. L-ispejjeż biex il-Koperattiva kienet qed tinkorri kienu aktar mid-dħul. Kellhom ukoll laqgħat mas-sur Godfrey Baldacchino, mas-Segreatarju Parlamentari Edwin Vassallo u mas-segretarju permanenti fi ħadan il-Ministeru għall-Ambjent. Kien hemm perjdou fejn dak li kien qed

jinqata' kien qed jitħallas lid-dipartiment tat-taxxi interni. Kien hemm ukoll laqgħa mal-Ministru tas-Sigurta' Soċjali u kien hemm understanding the l-Koperattiva kellha kemm jista' jkun malajr tħallas l-arretrati u tiġi in line skont il-liġi. (fol 400). Kienu saru xi ħlasijiet iżda imbagħad il-Koperattiva waslet f'sitwazzjoni fejn ma setgħetx tħallas dawn il-kontribuzzjonijiet. Il-parir li kien ta hu kien li l-koperattiv xxolji. Jekk ma xxoljix, xi ħadd ried jagħmel xi ħaġa. Kien hemm pressjoni min-naħa tal-entitajiet biex il-ħaddiema tal-Koperattiva ma jistrajkjawx. Kienet din il-Koperattiva li kienet tiġbor l-iskart ta' Malta kollu ħliec għal xi eċċezzjonijiet żgħar. Il-Gvern kien qal li l-Koperattiva kellha tagħmel kull mezz biex tkompli tiġbor l-iskart (fol 401) minħabba tal-konsegwenzi jekk dan ma kienx ser isir. Il-Koperattiva uriet li kienet lesta li tagħlaq iżda l-gvern talab biex din ma tgħaġġilx. Il-Gvern kien jaf li mhux qed jitħallsu l-VAT u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali. Kien sar arranġament biex il-VAT u s-CET jinqatgħu direttament mill-Kunsilli Lokali.
Xehed ukoll Hector Spiteri li kien maħtur bħala likwidatur fi Frar 2006. Mir-riċerki li għamel ma rriżultax li l-koperattiva kellha xi propjeta' f'isimha.

Xehed ukoll Angelo Azzopardi li huwa impjegat fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li kkonferma l-ammonti dovuti. (fol 419).

Kienu esibiti numru ta' sentenzi fil-konfront ta' Paolo Vella u Carmel Vella.(fol 438 et).

L-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali jidhru a fol 475 u dawn huma la-rtikoli 18, 293, 294, 31 u 533 tal-Kap 9 fil-konfront tal-imputati kollha barra fil-każi ta' Carmel Agius, Pawlu Cutajar u Carmelo Vella li jinkludi l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

A. Min kien iservi fuq il-kumitat u meta

L-ewwel punt li stħarrġet din il-Qorti huwa jekk l-imputati kollha kinux iservu bħala Membri tal-Kumitat tal-

Koperattiva għall-perjodu kollu bejn is-sena 1996 sas-sena 2003.

Mid-dettalji li jidhru a fol 307 tal-proċess jirriżulta dan:

(a) Paolo Vella kien membru minn Ottubru 1994 sal-bidu tas-sena 1997.
(b)Carmel Agius kien membru Ottubru 1994 sa Diċembru 1996
(ċ)Paul Cutajar kien membru mit-23 ta' Ġunju 1996 sat-2 ta' Frar 1997 u bejn is-sena 2002 - 2003
(d)Paul Casha kien membru minn Ottubru 1994 sa l-bidu tas-sena 1997
(e) Joseph Debono kien membru fl-1997 u fis-snin 2000-2003
(f) Mary Cassar kienet membru fis-sena 1997
(g) Joseph Vella kien membru fis-sena 1998
(h) Carmelo Vella kien membru fis-sena 1998
(i)Victor Borg kien membru mis-sena 1998 sas-sena 2002
(j) Joseph Casssar kien membru mis-sena 1998 sas-sena 2003
(k) Paul Deguara kien membru fis-sena 1998 u fis-sena 2002/2003
(l) Ġużeppi Mangion kien membru mis-sena 1999 sas-sena 2003
(m) Emanuel Mallia kien membru mis-sena 1999 sas-sena 2002.

Issa skont il-Liġi tal-Koperattivi, Koperattiva hija assoċjazzjoni awtonoma ta' persuni li jingħaqdu flimkien volontarjament. (Artikolu 21(1) tal-Kap 442).

Skont l-artikolu 13 tal-Kap 249 tal-'Att dwar l-Interpretazzjoni'

13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, **fil-ħin tal-għemil tar-reat** kienet direttur, manager,segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma

tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:'

Huwa propju minħabba dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet il-għala tħarrku l-appellati – jiġifieri għaliex huma kienu jokkupaw kariga fil-kumitat tal-KIP.
Mil-lista t'hawn fuq jirriżulta li kull imputat kien f'xi żmien membru tal-kumitat tal-Koperattiva għall-Indif Pubbliku iżda ħadd minnhom ma jidher li kien jokkupa din il-kariga ż-żmien kollu msemmi fiċ-ċitazzjoni. B'hekk kull wieħed qed ikun jirrispondi għan-nuqqas ta' ħlasijiet imsemmija b'mod globali għalkemm l-imputat ma kienx jokkupa din il-kariga. Wieħed huwa responsabbli ta' dak li jkun sar waqt li jkun fil-kariga biss.

Waqt li din il-Qorti m'għandha ebda dubju dwar l-ammont dovut bħala taxxa u bħala kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali minn għand Koperattiva li llum tinsab fi stat ta' likwidazzjoni, iċ-ċitazzjoni mhix ċara dwar għal-liema żmien kull wieħed mill-imputati kien responsabbli. Il-Prosekuzzjoni ġabret l-ismijiet ta' dawk kollha li kienu jservu fuq il-kumitat minn żmien għal żmien u għamlet akkuża waħda prinċipali. L-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jirrikjedi li xi ħadd jirrispondi għal xi reat – bi dritt li juri li huwa għamel minn kollox biex dan ma jsirx. Min-naħa l-oħra l-Att, bil-kliem ' fil-ħin tal-għemil tar-reat' qed jorbot din ir-responsabilita' maż-żmien tal-kariga. Fi ftit kliem wieħed mhux responsabbli meta ma jkunx fil-kariga.

Jidher li l-frażi 'in solidum' użata fl-Istatut – li tirrifletti dak li tgħid l-Liġi stess dwar il-Koperattivi – nftehmet bħala tapplika għal-Liġi Kriminali. Iżda 's-solidarjeta'' hija terminu tal-Liġi Ċivili u tal-Liġi Kummerċjali fejn jidħlu l-obbligazzjonijiet kummerċjali. Għalhekk waqt li l-kumitat kien marbut li jagħmel tajjeb għal xi dejn ċivili in solidum, dan ma jfissirx li din is-solidarjeta' tapplika għal dik li hija 'criminal liability.'

**B. Approprijazzjoni bla Jedd.**

It-tieni punt huwa dwar jekk fil-fatt twettaqx ir-reat li huw kkontemplat taħt l-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9.

Approprjazzjoni
bla jedd.
‘ 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn .ħaġa ta’ ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-.ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

Iżda ebda proċediment kriminali ma jista’ jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

Ċirkostanzi aggravanti.
294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta’ priġunerija minn seba’ xhur sa sentejn.

L-elementi tar-reat tal-misapproprjazzjoni bla jedd huma:

(1) Wieħed jirċievi flus fuq xi ħaġa oħra minn għand ħadd ieħor;
(2) L-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b’mod speċifiku;
(3) U minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħadd ieħor. [1]

U l-ġurista Taljan Francesco Antolisei jgħid hekk:

La vera essenza del reato di appropriazione indebita consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della coas come se fosse proprietario. Egli assume, si arroga

[1] Ara wkoll: 11 ta’ Jannar 1994 Il-Pulizija versus John O’Dea; 19 t’April 1958: Il-Pulizija vs Maria Bezzina; 1 ta’ Marzu 1952: Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada; 14 ta’ Novembru 1949: Il-Pulizija verfsus Paolo Galea; 13 ta’ Jannar 1947: Il-Pulizija versus Ramior Farrugia.

poteri che psettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il-patrimonio.’

F’dan il-każ m’hemmx dubju li nqatgħu l-flus għat-taxxa u għall-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet għas-sigurta’ soċjali. Dawn il-flus kienu intiżi għad-dipartiment tat-taxxa u dak tas-sigurta’ soċjali. Il-qtugħ iżda ma sarx mill-membri tal-kumitat għalkemm dan ma jeżentax lill-kumitat mir-responsabilita’ li daħal għaliha. Dan jingħad speċifikament mil-Liġi dwar il-Koperattivi.

Jonqos pero’ li wieħed jeżamina jekk kienx hemm l-intenzjoni – il mens rea- li huwa element
essenzjali ta’ kull reat. L-Awtur Taljan Maino kien ċċitat b’approvazzjoni fil-każ ‘Il-Pulizija versus Siegfried Borg Cole’ fejn intqal:

‘il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ della conversione con scienza della sua illegitimita’ e dal fino di lucro.’

Jekk wieħed janalizza l-fatti fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta minn dak li xehed John Micallef li dawn qatt ma qalu li ma jridux iħallsu. Jirriżulta wkoll li l-flus lanqas biss kienu jgħaddu minn idejhom. Imma, fuq kollox, dak li kien qed isir ma kienx qed isir b’xi ħabi għaliex l-awtoritajiet kien qed ikollhom tagħrif sew dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Koperattiva iżda li ħlasijiet li suppost kellhom jitħallsu għax hekk tgħid il-Liġi ma kinux qegħdin isiru. Issa dawn il-flus ma kinux qed jidħlu fil-bwiet ta’ min minn żmien għal żmien.

Skont il-Liġi, dawn il-ħlasijiet kellhom isiru lill-Istat. Jekk azjenda għandha d-dejn ħadd m’hu skużat li juża l-flus li jdaħħal biex iħallas lill-kredituri tiegħu jew lill-ħaddiema u imbagħad il-Gvern jistenna. L-Avukat Ġenerali jsemmi b’approvazzjoni l-każ ‘Il-Pulizija versus John O’Dea’ tal-11 ta’ Jannar 1994. Iżda li kieku ma jeżistix dan il-każ xorta jeżisti l-prinċipju li l-Gvern huwa kreditur ieħor li għandu jitħallas u mhux joqgħod jistenna sakemm in-negozju jqum fuq saqajh. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll jekk in-nuqqas ta’ cash flow joħloq aktar problemi biex in-negozju jirpilja.

Fil-każli għandha quddiemha llum il-Qorti għandha sitwazzjoni kważi unika: koperattiva li rċeviet għajnuna mill-gvern billi ntbagħtu xi nies jaħdmu magħha, laqgħat kontinwi ma' ministri fejn kienet spjegata l-qagħda finanzjarja mwegħra tal-Koperattiva, manager li ntbagħat mill-gvern biex jipprova jirranġa s-sitwazzjoni, memberi li qishom impjegati mal-koperattiva għax jieħdu cheque li kien qed jiċkien flok jikber. Sadanittant is-servizz tal-Koperattiva – il-ġbir tal-iskart – il-komunita' ma tistax tgħaddi mingħajru. Allura fl-istess ħin li kienet issir enfasi biex il-Koperattiva timxi mal-liġi, kulħadd kien qed jirrealizza li jekk tieqaf taħdem għal kollox, kien ser ikun problema kbira fil-ġbir tal-iskart.

Ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed iżżid li xi wħud mill-membri stqarrew li lanqas biss jafu jaqraw u li huma baqgħu jagħmlu x-xogħol li kellhom qabel. Kien hemm min sar membru fuq il-kumitat għax qalulu li m'hemm ħadd interessat, oħrajn li għandhom jieħdu l-flus mill-istess koperattiva waqt li membru minnhom stqarr li huwa kien ilu li ssuġerixxa li l-Koperattiva kellha xxolji.

Il-Qorti ma tistax tara li l-membri tal-kumitat kellhom 'id-dolo' rikjest mill-artikoli hawn fuq ċitati. Il-Qorti kkonsidrat ukoll b'mod partikolari il-fatt li xi membri tal-kumitat kienu qed jgħarrfu lill-awtoritajiet kontinwament bid-diffikultajiet li kellha l-koperattiva biex isiru l-ħlasijiet dovuti skont il-Liġi. Li kieku kien hemm dan id-dolo tassew, id-dettalji ma kinux ikunu żvelati b'dan il-mod apert.

Konklużjoni

Il-Qorti, waqt li qed tirriafferma dak kollu li ntqal fil-każ 'Il-Pulizija vs John O'Dea', wara li ħadet iċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-każ u wara li qieset ukoll il-mod kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni, qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------